# TRIBUNAL INDUSTRJALI
# DECIZJONI PRELIMINARI NRU: 2875

**Kaz Numru : 3807DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn**

**Steven Mallia (476482M)**

**u**

**Health Services Group Ltd**

**(C-16298)**

**dwar allegat tkeċċija nġusta.**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.Adv;L.L.B; Dip L.P.; M.A.; B.A.; P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 10 ta'Jannar, 2023**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Avv. Andrew Borg Cardona f'isem ir-rikorrent Steven Mallia fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar id-29 ta' Novembru, 2019, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn mas-socjeta' intimata, mingħajr raġuni, u għaldaqstant għal raġunijiet inġusti.

Is-socjeta' fir-risposta tagħha qalet li t-terminazzjoni kienet waħda ġusta u suffiċjenti

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa x'intqal mix-xhieda, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet tal-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Steven Mallia li minn issa l-quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Andrew Borg Cardona.

Health Services Group Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta' ntimata, kienet irraprezentata mill-Avv Roslyn Borg.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent jghid li fl-1 ta' Lulju 2019 tkeċċa u fil-fehma tieghu minghajr raġuni tajba u suffiċjenti u għaldaqstant hija tkeċċija nġusta. Ir-rikorrent kien impjegat mal-intimat fuq bazi full time bħala 'Co-ordinator outside catering' mill-1 ta' Lulju 2016,

Is-soċjeta' tghid li ġie tterminat fit-30 ta' Ġunju 2019, izda r-rikorrent jgħid li ġie tterminat fil-31 ta' Lulju 2019. Is-soċjeta' tgħid li tterminatlu l-impjieg għax ħadem direttament ma' klijent tas-soċjeta' u għax tellef lis-soċjeta' klijent ieħor.

Barra minn hekk, skond is-soċjeta' r-rikorrent kien ikun spiss assenti mill-kċina waqt il-preparament tal-ikel. U fuq dan ġie mwissi u ġie mitlub jirreġistra l-ħinijiet tiegħu fil-kċina bħala konferma tal-prezenza tiegħu, izda wara ftit ma kompliex jirreġistra.

Preliminarjament is-socjeta' tissottometti illi z-zmien ta' dekadenza għall-prezentata tal-azzjoni tar-rikorrent quddiem dan it-Tribunal skada, għaliex r-rikorrent tkeċċa fit-30 ta' Ġunju 2019 u mhux fil-31 ta' Lulju 2019 kif indikat fir-rikors promotur.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

Mark Zahra fil-kapaċita' ta' Kontrollur finanzjarju mas-soċjeta' qal li r-rikorrent tħallas l-aħħar sat-30 ta' Ġunju 2019 u ovvjment ma rritornx lura għax-xogħol għax l-impjieg tiegħu kien itterminat.

Għall-Kontro-Ezami x-xhud qal li f'Lulju ma baqax jidħol xogħol u dan seta' jgħidu għax ma baqax jippanċja, izda ma setax jikkonferma jekk kienx ikun xogħol fuq barra (outside catering), minkejja li ma jkunx ippanċja.

F'seduta oħra x-xhud qal li t-telefonati li għamel lir-rikorrent f'Lulju kienu biex jikkonkludu l-impjieg u jinfurmah biċ-ċekkijiet u kopji tal-payslips. Ix-xhud qal li l-impjieg ġie tterminat fit-

12 ta' Lulju 2019. Qal ukoll li bħala payslips l-aħħar waħda li ħareġ kienet sa tmiem Ġunju 2019, u wara din ma nħargux aktar payslips.

Steven Mallia, r-rikorrent qal li huwa ħadem l-aħħar fl-20 ta' Lulju 2019. Huwa qal ukoll li bħala parti mill-management huma ma kienux jippanċjaw, izda darba fost l-oħrajn ġie deċiz li jibdew jippanċjaw. Ix-xhud qal li għandu x'juri telefonati li saru li juru li kien qed jagħmel functions oħra. Ix-xhud qal li mal-JobsPlus kien irreġistrat li ġie tterminat f'Lulju u xi sena wara l-JobsPlus irreġistrat li kien ġie tterminat f'Ġunju tal-2019.

F'seduta oħra x-xhud spjega x'kienu l-messaġġi li kellu fuq il-mobile tax-xogħol bejnu u bejn il-kollegi tax-xogħol, liema messaġġi jġibu d-dati tat-12 u l-14 ta' Lulju 2019. Fl-14 ta' Lulju kellu wkoll messaġġ li juri li qed jintqal lilu f'liema ħin spiċċat attivita' partikolari u dan biex ikun jista' jdaħħal nota sa' x'ħin damu jaħdmu l-kollegi tiegħu u jagħmel update fir-records. Messaġġ ieħor tat-12 ta' Lulju kien ma' Mark Zahra li huwa l-Head of Accounts. Ix-xhud qal ukoll li l-mobile qatgħulu bejn wieħed u ieħor ġimgħa qabel ma ntemmlu l-impjieg. Ix-xhud qal ukoll li l-payslip tat-tmiem inħarget sena wara, jiġifieri fl-2020, li kien fiha wkoll il-paga ta' Lulju, inkluz il-leave, izda hu qatt ma tħallas tagħhom.

Mariella Caruana fil-kapaċita' ta' rapprezentanta tad-DIER ikkonfermat li r-rikorrent għamel claim mad-DIER li tkopri sal-15 ta' Lulju 2019 u fetaħ kaz mad-DIER fl-24 ta' Settembru 2019, fejn huwa permezz ta' affidavit qal li l-aħħar ġurnata li huwa kien impjegat kienet il-31 ta' Lulju 2019. Ix-xhud qalet li mir-riċerka li saret mid-DIER wara li fetaħ il-kaz fl-24 ta' Settembru sabu li r-rikorrent kien għadu ma ġiex itterminat. Aktar tard, qalet ix-xhud, ir-rikorrent ipprezenta formola ta' terminazzjoni bid-data tal-31 ta' Lulju 2019 li kienet iddaħħlet fis-16 ta' Ottubru 2019, bir-raġuni tkun tkeċċija ngusta. Aktar il-quddiem qalet ix-xhud, ir-reġistru tal-JobsPlus beda juri li r-rikorrent ġie tterminat minħabba dixxiplina u li t-terminazzjoni kienet fit-30 ta' Gunju 2019. Ix-xhud qalet li aktar il-quddiem ir-rikorrent ipprezenta log ta' telefonati li saru lilu mingħand kollegi fit-30 ta' Ġunju u li allegatament kienu telefonati ta' natura professjonali li saru skont il-log li pprezenta lilhom fl-1, fl-10 u fit-12 ta' Lulju 2019.

**Sottomissjonijiet**

Is-soċjeta' ntimata qalet permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrent intavola t-tali kwistjoni tax-xogħol fid-29 ta' Novembru 2019, liema data eċċediet il-massimu ta' erba' xhur ai termini l-artiklu 75(3) Kap 452. Min-naħa tagħha s-soċjeta' ikkonfermat li tterminat l-impjieg fit-30 ta' Ġunju 2019, hekk kif ikkonfermat mid-DIER, kif ukoll minn Mark Zahra. l-Kontrollur Finanzjarju tas-soċjeta' ntimata. Dan ta' l-aħħar ikkonferma li r-rikorrent ħadem l-aħħar fit-22 ta' Ġunju 2019 u ħa mill-għada, 23 ta' Ġunju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019 bħala vacation leave. Is-soċjeta' tgħid u tipprezenta l-aħħar payslip tar-rikorrent li hija dik tat-30 ta' Ġunju 2019. Is-soċjeta' ntimata tirreferi wkoll għax-xhieda mogħtija mir-rikorrent fit-8 ta' Marzu 2022, fejn ikkonferma anke wara li ġie mfakkar waqt il-mistoqsijiet magħmulha lilu mill-konsulent legali tiegħu stess li qiegħed taħt ġurament, fejn ir-rikorrent jgħid : 'nista', ngħid b'ċertezza' li ġejt tterminat fl-20 ta' Lulju 2019'. Is-soċjeta' tgħid li din ix-xhieda

tikkontradixxi lilu stess fid-dikjarazzjoni li għamel fir-rikors promotur u li ma kkonfermax il-kontenut tiegħu b'ġurament. Jekk wieħed jistrieh fuq din ix-xhieda, wkoll turi li l-kaz ġie ntavolat wara z-zmien stipulat mil-liġi. Is-soċjeta' ntimata tgħid ukoll li l-messaġġi u telefonati li ntwerew bħalha evidenza li x-xogħol tkompla wara t-30 ta' Ġunju 2019, huma fil-fatt messaġġi bejn kollegi u juri wkoll nuqqas ta' għarfien minn ċerti kollegi li r-rikorrent kien tkeċċa peress li s-soċjeta' ntimata hija pjuttost imdaqqsa. Il-messaġġi li ntwerew li li nbagħtu lil Michelle Barbara, oriġinaw mir-rikorrent u mhux minnha. Is-soċjeta' tgħid ukoll li ma nġabet l-ebda prova li kien hemm kuntatt wara l-14 ta' Lulju 2019. Ma' dan wieħed irid izid li l-linja tat-telefon inqagħtetlu fis-16 ta' Lulju 2019. Dan juri skorretezzi minn naħa tar-rikorrent u kwalunkwe attentat ta' prova ta' data illi ipprezenta r-rikorrent taqa' barra mill-perjodu ta' erba' xhur hekk kif ikkontemplat mill-Kap 452.

Ir-rikorrent minn naħa tiegħu permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet jgħid li kif inhu stabbilit, l-eċċezzjoni ta' dekadenza hi waħda li trid tiġi meqjusa b'galbu, peress illi jekk tinqata' l-azzjoni tiġi deċiza mingħajr ma l-kaz jiġi mismugħ fil-mertu. B'reazzjoni għal x'ġie pprezentat fin-nota ta' sottomissjonijiet min-naħa tas-soċjeta' ntimata' r-rikorrent jgħid li x-xhieda tad-DIER hi għal kollox irrelevanti peress illi trattat aspetti tal-vertenzi bejn il-partijiet li ma jaqgħux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Jghid ukoll li minnflok ġabu provi tal-JobsPlus biex jidirizzaw id-diskrepanza, liema diskrepanza għadha tezisti bejn iz-zewg 'Termination Forms' li hemm fl-atti. Jgħid ukoll li l-prova li nġabet bħala konferma tad-dati mill-JobsPlus mhix relevanti u dan għax joqogħdu fuq x'jgħdilhom min iħaddem u l-anqas ma jikkonfermaw il-mod tardiv li din id-dikjarazzjoni ssir biex tkun konvenjenti għalih. Fil-fatt hemm zewġ formoli ta' terminazzjoni, waħda tivvantaġġja lir-rikorrent u l-oħra lil min iħaddem. Ir-rikorrent jgħid li l-intimati ma ġabu lil ħadd minn naħa operattiva tal-kumpanija, biex juru illi l-intenzjoni, bejnhom u l-istess rikorrent, waqfet meta qed jgħidu huma li waqfet, izda straħu fuq nies minn naħa amministrattiva, li zgur ma kellhomx xi interattivita' mar-rikorrent fuq ix-xogħol ta' kuljum, li hu jgħid li baqa' għaddej. L-intimati qegħdin jistrieħu fuq diskrepanza ta' ġranet minn dawk li jgħidu li huma li ġara u dak li jgħid ir-rikorrent. Kieku d-diskrepanza kienet ta' xhur fuq xhur, kien ikollhom ragun jilmentaw, imma f'dan il-kaz hu ċar illi r-rikorrent mexa skond id-drittijiet tiegħu fl-isfond tal-fatti rilevanti.

**<u>Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz</u>**

Dr.Andrew Borg Cardona għar-rikorrent qal li hemm evidenzali turi li r-rikorrent kompla għaddej bix-xogħol f'Lulju, hemm sew telefonati u qadi ta' xogħol. Dr. Borg Cardona qal li d-data li tegevola lis-soċjeta' ġiet irrreġistrata s-sena wara dik li tista' tegevola lir-rikorrent. Huwa qal li dan mhux mod li jsiru l-affarijiet u noqogħdu nilagħbu b'dan il-mod. Dr. Borg Cardona qal li jekk ħadu zball tal-JobsPlus setgħu għall-anqas jikkonfermaw jew le kieku ttellgħu jixhdu, izda s-soċjeta' għazlet li ma ttellagħhomx jixhdu. Huwa qal li taqta' skond id-dekadenza huwa metodu drakonjan u huwa tal-opinjoni li fi ħdan dan it-taħwid ta' dati, t-Tribunal għandu jibqa' għaddej jisma' l-kaz fil-mertu u jekk hemm bzonn il-kwistjoni ta' dekadenza tiġi ttrattata fil-mertu.. Dr. Borg Cardona qal li fil-fatt m'hemm l-ebda prova ċara li turi li dekadenza jew li d-dekadenza seħħet.

Dr. Roslyn Borg għas-soċjeta' qalet li artiklu 75 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u x-Xogħol jgħid ċar in-numru ta' xhur li r-rikorrent għandu jiftaħ il-kawza. Hija qalet li l-kwistjoni ta' dekadenza għandha tiġi deċiza f'dan l-istadju. Dr. Borg qalet li normalment il-formola ta' terminazzjoni timtela' minn min iħaddem jew mill-impjegat izda ma jkunx hemm il-ħtiega li jsir affidavit kif għamel ir-rikorrent.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ried jistabbilixxi preliminarjament jekk il-kaz ġiex intavolat entro termini.

Tenut kont ta' seba' fatturi miġjuba bi provi waqt is-smiegħ tal-kaz ċjoe: -

Li r-rikorrent kien impjegat bħala Executive Chef mas-soċjeta' ntimata mill-1 ta' Lulju 2016;

Li skond il-JobsPlus jezistu zewġ dati ta' terminazzjoni waħda fil-31 ta' Lulju 2019 u oħra li ddaħlet madwar sena wara li tgħid it-30 ta' Ġunju 2019;

Li r-raġunijiet mogħtija għat-terminazzjoni kif irreġistrati mal-JobsPlus, waħda tgħid terminazzjoni nġusta u l-oħra tgħid fuq bazi ta' dixxiplina;

Li jezistu sensiela ta' messaġġi u telefonati bejn il-kollegi u r-rikorrent fuq xogħol li jġibu d-data wara t-30 ta' Ġunju 2019;

Li ma jezistux messaġġi fuq xogħol jew kontinwazzjoni ta' xogħol bejn ir-rikorrent u l-amministrazzjoni tas-soċjeta' ntimata;

Li r-rikorrent fir-rikors promotur jgħid li ġie tterminat fil-31 ta' Lulju 2019 ;

Li fix-xhieda mogħtija mir-rikorrent fit-8 ta' Marzu 2022 jikkonferma, anke wara li ġie mfakkar li qiegħed bil-ġurment, li ġie tterminat madwar l-20 ta' Lulju 2019.

**DEĊIZJONI**

Dan it-Tribunal ġie mitlub biex preliminarjament jiddeċiedi jekk il-kaz ġiex intavolat entro termini. Dan it-Tribunal jibda' billi għal dab'ohra juri dizappunt għall-fatt li r-records li wieħed jippretendi li joqgħod fuqhom bħal termination forms tal-JobsPlus, li huma tant kruċjali f'kazijiet bħal dan, ma jkunx jista' jistrieħ fuqhom u dan għax isib li jezistu aktar minn data waħda li ġiet irreġistrata mill-JobsPlus bħala terminazzjoni ta' ħaddiem. Hawnhekk it-Tribunal għal darb'ohra jieħu l-opportunita' u jagħmel appell biex jitranġaw l-affarijiet. Korporazzjoni bħal ma hi l-JobsPlus għandha tirregola s-sitwazzjoni u tinkludi xi forma ta' verifika u mhux toqgħod biss fuq x'ifettilu jnizzel dak u l-ieħor. Affaċjat b'dawn iċ-ċirkostanzi, dan it-Tribunal se jkollu jiskarta din il-prova għal dan il-kaz odjern. Ġew ukoll ipprezentati diversi messaġġi u telefonati bħala evidenza u provi li r-rikorrent fl-fatt kien għadu jaħdem mas-soċjeta' wara ta'30 ta' Ġunju. It-Tribunal hawn irid jgħid li ma jistax jieħu dawn il-messaġġi bħala prova assoluta u dan għax jifhem li kif qalet is-socjeta', hija fil-fatt kumpanija mdaqqsa u l-ħaddiema mhux kollha jkunu jafu jekk ħaddiem ġiex itterminat. Dan it-Tribunal jifhem ukoll li r-rikorrent ma kienx se joqgħod javzahom lill-kollegi tiegħu aktar u aktar jekk ried li jitkompla l-impjieg. Izda hawn it-Tribunal jgħid ukoll li l-anqas ma hu xi preġju għas-soċjeta' ntimata jekk tittermina mpjegat u ma tavzax lill-ħaddiema l-oħra u dan għal diversi raġunijiet fosthom propju biex dawn ma jagħtux impressjonijiet jew aspetazzjonijiet lir-rikorrent li m jkunux mixtieqa.

Jibqa' l-fatt li anke jekk kieku t-Tribunal jistrieħ fuq dawn il-messaġġi, dawn ma jqarrbux lejn id-data tal-31 ta' Lulju 2019, liema data semma' r-rikkorent fir-rikors promotur u innega hu stess waqt ix-xhieda tiegħu, izda li baqgħet titfaċċa, propju għax dik id-data biss tista' tavvantaġġja r-rikorrent f'din id-deċzjoni preliminari.

Ir-rikkorrent innifsu jgħid bil-ġurament li ġie tterminat fl-20 ta' Lulju jew qrib u jgħid li dan jafu b'ċertezza anke meta mistoqsi mill-konsulent legali tiegħu li qiegħed bil-ġurmamentt. Fin-nota' ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ingħatat l-impressjoni li dan ma damx jaħsibha xhur fuq xhur izda għamel kollox skond il-liġi. It-Tribunal hawnhekk jiġbed l-attenzjoni li fil-fatt, iva dam ix-xhur, dam erba' xhur u qabizhom. Issa l-liġi ma tgħidx jekk hux bi ftit jew b'ħafna, izda hija ċara li l-erba' xhur huma l-massimu li matulhom għandu jinfetaħ il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali.

Izid hawn it-Tribunal li prova oħra li jista' jistrieħ fuqha u li ma ġietx ikkontestata mir-rikorrent hi li l-linja tat-telefon tax-xogħol ġiet maqtugħa fis-16 ta' Lulju 2019. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li min irid is-servizzi tiegħek ma jaqtagħlekx il-linja tat-telefon li biha trid taħdem. Din id-data kieku kellha tittieħed bħala d-data uffiċjali ta' terminazzjoni wkoll tindika li meta l-kaz ġie ntavolat fid-29 ta' Novembru 2019, allura l-erba' xhur ikunu għaddew. Barra dan kollu, l-aħħar payslip hija dik li ġġib il-perjodu li jiġi fi tmiemu fit-30 ta' Ġunju 2019, u jidher li ma kienux saru pagamenti oħra wara din id-data.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li l-kaz odjern ġie ntavolat 'fuori termini'.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Doreen Parnis**

**Chairperson**

**(Vera Kopja)**

**Jordan Muscat**

**Għas-Segretarju**